

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11832/26

CONUN 132
ONU 46

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2026 – Settembru 2027

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2026 – Settembru 2027, approvati mill-Kunsill fl-4191 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2026

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul il-
81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2026 – Settembru 2027**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jemmnu bis-sħiħ li huwa fl-interess kollettiv u individwali ta' kulħadd li jiġi żgurat ir-rispett għad-dritt internazzjonali u l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati kollha, li jkun hemm impenn għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim u li jsir investiment fil-kooperazzjoni internazzjonali.
2. Fid-dawl tal-pressjonijiet ġeopolitiċi, ikkaratterizzati minn frammentazzjoni, kontestazzjoni u ksur serju dejjem akbar tan-normi universali u tad-dritt internazzjonali, l-UE tibqa' soda fl-impenn tagħha għal sistema multilaterali, ibbażata fuq id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (IHRL), u leali lejn l-għanijiet u l-prinċipji universali tal-Karta tan-NU u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tagħha, biex jiġu żgurati l-paċi u s-sigurtà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd.
3. L-UE ser tibqa' siekba prevedibbli u kredibbli u ser tkompli tikkoopera mas-sħab li jikkondividu d-determinazzjoni tagħna li niddefendu u nirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati kollha, u li huma impenjati li jsibu soluzzjonijiet globali għal sfidi komuni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur u l-annessi tiegħu.

4. Il-multilateraliżmu bbażat fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU u r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem, irid jipprevali biex tiġi evitata dinja ta' politika tal-poter u l-liġi tal-aktar b'saħħithom. Dan jikkostitwixxi sforz kollettiv importanti li jippermetti soluzzjonijiet kondiviżi li huma mibnija, ipposseduti, u implimentati b'mod konġunt. It-twassil ta' impatt pożittiv u li jista' jitkejjel fuq haġġet in-nies irid jibqa' l-punt ta' riferiment primarju ta' azzjoni multilaterali effettiva. Billi jrawwem id-djalogu, il-fiduċja, is-solidarjetà, u l-azzjoni kollettiva, il-multilateraliżmu jgħin biex jittaffa r-riskju ta' kunflitt u jiġu indirizzati l-isfidi globali, reġjonali u nazzjonali u l-interdipendenzi bejniethom. Dinja b'istituzzjonijiet multilaterali dinamiċi u multilateraliżmu effettiv u msaħħaħ hija aktar sikura u aktar prospera minn waħda mingħajrhom.
5. L-UE tissottolinja r-rwol kritiku u ċentrali li għandha n-NU fl-indirizzar tal-isfidi globali ewlenin, b'mod partikolari t-theddid għall-paċi u s-sigurtà u l-konsegwenzi tal-kriżijiet u l-kunflitti fuq is-sigurtà globali tal-ikel u tal-ilma, l-enerġija, is-sistemi finanzjarji u l-ktajjen tal-provvista, speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli.
6. F'dinja li qed tinbidel, is-sistema multilaterali trid tkompli tevolvi. Għalhekk, tibqa' prijorità ewlenija għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw, jirrifirmaw u jsaħħu s-sistema multilaterali, bin-NU fil-qalba tagħha, u li jtejbu l-effettività u l-inklużività tagħha, filwaqt li japprofondixxu l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u jsaħħu s-sħubijiet mal-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet reġjonali biex jiżguraw li s-sistema multilaterali tkun aktar rappreżentattiva ta' kulħadd u tagħti riżultati effettivi għal kulħadd.
7. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mas-sħab biex tmexxi 'l quddiem ir-riforma tan-NU, b'mod partikolari permezz tal-"inizjattiva UN80" u lil hinn minnha, u f'konformità mal-aspirazzjonijiet maqbula fil-Patt għall-Futur. Dawn l-isforzi għandhom jibnu NU bbażata fuq il-prinċipji, aktar effettiva, kosteffiċjenti u reattiva, li tkun kapaċi tagħti riżultati effiċjenti fit-tliet pilastri interkonnessi tal-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli.

8. Ir-rispett tal-għanijiet u l-prinċipji statutorji universali tal-Karta tan-NU flimkien ma' riformi komprensivi tas-sistema tan-NU huwa l-uniku mezz biex jissolvew b'mod paċifiku l-kriżijiet, jiġu miġġielda l-faqar u l-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, jiġi promoss ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, jiġi avvanzat l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd, tittieħed azzjoni klimatika effettiva, jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti u jiġi miġġieled it-theddid għas-sigurtà tagħna kif ukoll il-prosperità tagħna u l-iżvilupp sostenibbli kontinwu.
9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jinvestu politikament u juru impenn determinat u konsistenti għall-funzjonament tan-NU, filwaqt li kollettivament jibqgħu l-akbar kontributori politiċi u finanzjarji tagħha u dawk l-aktar affidabbli. L-UE ma tqisx dan biss bħala obbligu, iżda wkoll bħala sinjal ta' kooperazzjoni ta' fiduċja li ġġib magħha responsabbiltajiet għall-Istati Membri kollha u għandha tirriżulta f'ħatriet u elezzjonijiet ibbilanċjati għal pożizzjonijiet għolja ewlenin fis-sistema tan-NU, li għalihom l-UE ser tkompli tappoġġa u tippromwovi kandidati kwalifikati.
10. Ninsabu mħassbin ħafna dwar ir-restrizzjonijiet kontinwi ta' likwidità tal-Organizzazzjoni, li għandhom implikazzjonijiet operazzjonali serji. Il-finanzjament sostenibbli u prevedibbli tan-NU fil-pilastri kollha huwa indispensabbli għat-twettiq tal-mandat tagħha. Aħna nibqgħu impenjati bis-sħiħ li ninvolvu ruġna b'mod kostruttiv, prammatiku, u fi spirtu ta' kunsens biex nidentifikaw soluzzjonijiet dejjiema għal din il-kriżi u nħarsu l-funzjonijiet ewlenin tas-sistema tan-NU. L-UE u l-Istati Membri tagħha għalhekk itennu, li l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet iwwalutati mhuwex fakultattiv. Dan huwa obbligu legali skont il-Karta. L-Istati Membri tal-UE jibqgħu impenjati li jħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji obligatorji tagħhom bis-sħiħ u fil-ħin.

11. Il-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU) timmarka perjodu ta' tranżizzjoni għat-tmexxija tan-NU. Nagħtu għieħ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, António Guterres, għall-isforzi bla waqfien tiegħu għal dinja aħjar u aktar ekwa, permezz tal-promozzjoni tal-paċi, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-avvanz tal-iżvilupp sostenibbli, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-għażla ta' Segretarju Ġenerali ġdid ser tkun kruċjali fit-tfassil u d-determinazzjoni tad-direzzjoni u l-prijoritajiet tan-NU għas-snin li ġejjin. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu impenjati b'mod attiv fil-proċess tal-għażla u jinsabu lesti li jaħdmu mas-Segretarju Ġenerali l-ġdid mill-bidu nett. F'dan l-istadju kritiku, in-NU teħtieġ Segretarju Ġenerali impenjat bis-sħiħ għall-Karta tan-NU biex jgħin fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kunflitti, jibni mill-ġdid il-fiduċja, inaqqas id-distakki, jimmobilizza l-azzjoni kollettiva, jaċċellera r-riformi tan-NU, u jagħti riżultati tanġibbli li jtejbju l-ħajja tan-nies, speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn.

12. Filwaqt li jitqies dan kollu, il-prijoritajiet li ġejjin ser jiggwidaw l-azzjoni tal-UE fin-NU matul is-sena li ġejja:

I. Id-difiża u l-iżvilupp ta' sistema multilaterali effiċjenti, effettiva u inklużiva ankrata sew fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem

II. L-avvanz fir-riformi lejn NU effettiva, kosteffiċjenti u reattiva fit-tliet pilastri kollha permezz ta' sħubijiet u koalizzjonijiet

III. It-tiżiħ tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà tan-NU bbażata fuq il-prevenzjoni u ż-żamma tal-paċi

IV. L-avvanz tal-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli lejn l-2030 u lil hinn

I. Id-difiża u l-iżvilupp ta' sistema multilaterali effiċjenti, effettiva u inklużiva ankrata sew fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem

13. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw multilateraliżmu effettiv u l-**ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli** bin-NU fil-qalba tiegħu u jopponu l-isforzi biex dan jiddgħajjef. Ser nippromwovu, nirrispettaw u niddefendu d-**dritt internazzjonali**, inkluż l-IHL u l-IHRL, li huwa kruċjali għas-salvagwardja tal-paċi u s-sigurtà, filwaqt li nkomplu nenfasizzaw il-ħtieġa għal responsabbiltà għall-ksur tad-dritt internazzjonali. Il-prinċipji universali minqax fil-Karta tan-NU, inkluż dawk tal-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni, mhumix negozjabbli, ma jistgħux jiġu kompromessi, u għandhom jiġu implimentati b'mod konsistenti. Ser inkomplu nikkontribwixxu għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.

14. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għar-rispett, il-protezzjoni u l-applikazzjoni **universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt**. Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk huma ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali. Barra minn hekk, il-paċi u l-prosperità kif ukoll il-kisba tal-SDGs jimxu id f'id mar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet kollha tal-bniedem. L-UE ser tibbaża l-azzjonijiet u l-input/il-pożizzjonijiet tagħha fuq il-**Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2026 dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem**. L-UE tfakkar fil-pożizzjoni ta' prinċipju tagħha kontra l-piena tal-mewt fil-każijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha u tappoġġa bil-qawwa r-risoluzzjonijiet rilevanti tan-NU. L-UE ser tippromwovi l-**aġenda dwar l-ugwaljanza** u tenfasizza l-importanza tan-nondiskriminazzjoni fil-fora multilaterali kollha, inkluż għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha, u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tagħhom u l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tagħhom fl-oqsma kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI. L-UE ser tibqa' viġilanti fir-rigward ta' tentattivi biex jitneħħa, jinbidel jew jiġi interpretat ħażin lingwaġġ relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tagħhom, u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. L-UE ser tkompli tiddefendi d-drittijiet tat-tfal, filwaqt li tipprijoritizza l-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż fl-ambjent diġitali, u l-promozzjoni ta' aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità, inklużiva u sikura, kif ukoll it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal u l-inugwaljanzi fost it-tfal. Ser tkompli taħdem ukoll biex ittejjeb il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni akbar fl-età u l-benesseri tagħhom. L-UE tappoġġa approċċ ambizzjuż u trasformattiv biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin u l-fatturi ta' riskju tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diskriminazzjoni u l-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiġġielew ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata madwar id-dinja.

15. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
16. L-UE tibqa' sostenitriċi qawwija tas-**sistema** robusta u effettiva tad-**drittijiet tal-bniedem tan-NU**, inkluż il-ħidma u l-attivitajiet kritiċi fil-kwistjonijiet tematiċi u speċifiċi għall-pajjiż kollha b'mandat kemm mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) kif ukoll mill-korpi tat-trattati, u anke mill-UNESCO fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, inkluż il-media indipendenti, l-aċċess għall-informazzjoni, is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media. L-UE tissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem fil-pilastru, l-aġendi u l-istrutturi kollha tan-NU. F'dak il-kuntest, l-UE tappoġġa l-**Grupp dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** tas-Segretarju Ġenerali li ġie stabbilit reċentement biex jippromwovi l-koordinazzjoni fis-sistema kollha u jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem jiġu integrati b'mod sod fil-politiki u l-attivitajiet kollha tan-NU.
17. L-UE ser iżżomm attenzjoni partikolari għal finanzjament adegwat, prevedibbli, miżjud u sostenibbli tal-**pilastru tad-drittijiet tal-bniedem**, konxja li diġà huwa strutturalment sottofinanzjat, u partikolarment affettwat mill-kriżi tal-likwidità. L-UE tenfasizza l-importanza li tinżamm **sistema b'saħħitha u indipendenti tal-mandati kemm tematiċi kif ukoll speċifiċi għall-pajjiż**. Il-proċess ta' riforma li għaddej bħalissa jippreżenta opportunità biex jissaħħu l-fokus, l-effettività u l-impatt tal-mandati tad-drittijiet tal-bniedem u l-korpi tat-trattati kif ukoll biex jitnaqqsu d-duplikazzjonijiet bejniethom.

18. L-UE tibqa' impenjata li ttemm l-impunità u tiżgura r-**responsabbiltà** għall-ksur kollu tad-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest, l-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ tagħha għas-**sistema tal-ġustizzja internazzjonali**, b'mod partikolari għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ), li fl-2026 tikkommemora t-80 anniversarju tagħha, filwaqt li tfakkar li l-ordnijiet u s-sentenzi tal-QIĠ huma vinkolanti għall-partijiet fit-tilwima. L-UE tafferma mill-ġdid ukoll l-appoġġ sod tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). B'reazzjoni għall-attakki u l-pressjoni esterna mmirati lejn il-QKI, l-UE ttenni l-impenn qawwi tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreserva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI. L-UE ser tkompli tikkundanna attakki jew theddid kontra l-Qorti, uffiċjali eletti, persunal u dawk li jikkooperaw mal-Qorti, inkluż rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. L-UE ser tappella għall-irtirar ta' kwalunkwe sanzjoni kontra uffiċjali eletti tal-QKI.
19. L-UE tfakkar l-impenn sod tagħha li tappoġġa r-rwol tan-NU fil-koordinazzjoni tar-rispons **umanitarju** internazzjonali għall-emerġenzi stabbilit bir-Riżoluzzjoni 46/182 tal-AĠNU tal-1991 kif ukoll ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. L-UE u l-Istati Membri tagħha, li kollettivament huma **l-akbar donatur umanitarju**, li pprovded 40 % tal-assistenza umanitarja globali fl-2025, ser ikomplu juru impenn qawwi għall-istabbiltà finanzjarja tan-NU kif ukoll għat-twassil effiċjenti, effettiv u bbażat fuq il-prinċipji tal-assistenza umanitarja lil dawk l-aktar vulnerabbli.

II. L-avvanz fir-riformi lejn NU effettiva, kosteffiċjenti u reattiva fit-tliet pilastri kollha permezz ta' sħubijiet u koalizzjonijiet

20. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mas-sħab biex tmexxi 'l quddiem **riformi komprensivi fis-sistema kollha tan-NU**, inkluż it-tisħiħ tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn il-proċessi fis-sistema tan-NU, fil-qafas tal-inizjattiva UN80 u lil hinn minnha, u f'konformità mal-aspirazzjonijiet maqbula fil-Patt għall-Futur. L-UE tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni A/RES/80/251 dwar il-ħolqien, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-Mandat għal Nazzjonijiet Uniti effiċjenti u effettiva, u hija impenjata għall-implimentazzjoni tagħha. L-UE tibqa' impenjata għal riformi diġà maqbula li għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ. Dawn l-isforzi għandhom jibnu NU bbażata fuq il-prinċipji, aktar effettiva, kosteffiċjenti u reattiva, li tkun kapaċi tagħti riżultati effiċjenti fit-tliet pilastri interkonnessi tal-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, l-UE ser tħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU li jmiss biex jinvolvi ruħu b'mod attiv fis-sostenn u l-avvanz tal-proċess ta' riforma b'mod ambizzjuż fis-sistema kollha, b'determinazzjoni u bilanċ ugwali fit-tliet pilastri kollha. L-UE ser tipprijorizza inizjattivi li jwasslu impatt tanġibbli fuq il-post, filwaqt li tissalvagwardja l-kapaċitajiet normattivi u operazzjonali tas-sistema tan-NU, inkluż dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
21. F'konformità mal-impenn tagħna għall-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur, l-UE tappoġġa **riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU)** biex dan isir aktar effettiv, inklużiv, trasparenti, demokratiku, u responsabbli, u li jirrifletti aħjar ir-realtajiet tal-lum billi jsaħħaħ il-vuċi tar-reġjuni sottorappreżentati. L-UE tappoġġa l-inizjattiva Franċiża-Messikana li għandha l-għan li tirrestrinġi l-użu tal-veto f'każijiet ta' atroċitajiet tal-massa u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Grupp ACT rigward l-azzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, u d-delitti tal-gwerra fuq skala kbira. Barra minn hekk, l-UE tappoġġa l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Artikolu 27.3 tal-Karta tan-NU.

22. L-UE tibqa' tappoġġa **r-Risettjar Umanitarju**, li għandu jissaħħa permezz tal-inizjattiva UN80 u taħt it-tmexxija tal-OCHA, b'enfasi fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' viżjoni sostenibbli, olistika u inklużiva għal ekosistema umanitarja mmexxija lokalment, protetta internazzjonalment u appoġġata globalment li tingrana l-valuri uniċi, il-mandati u r-responsabbiltajiet speċjalizzati tal-entitajiet tan-NU, il-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, NGOs lokali u internazzjonali.
23. L-UE tibqa' tappoġġa l-proċess ta' **riforma tas-Sistema ta' Żvilupp tan-NU** li għandu jissaħħa permezz tal-inizjattiva UN80, iffukata fuq il-kisba ta' forniment ta' servizzi fil-livell tal-pajjiż li jħalli impatt akbar u effettiv. L-UE tinkoraġġixxi aktar konsolidazzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-istrutturi filwaqt li żżomm mandati ta' importanza kritika, b'mod partikolari dawk relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.
24. **Sistema ta' Koordinaturi Residenti** aktar b'saħħitha, effiċjenti u mogħtija s-setgħa hija element ewlieni tar-riforma, li tikkontribwixxi għal kooperazzjoni aktar koerenti u effettiva bejn l-UE u n-NU fil-livell tal-pajjiż. Il-Koordinaturi Residenti jeħtieġu appoġġ politiku msaħħa mill-istati membri tan-NU biex jilhq l-potenzjal sħiħ tagħhom u jagħtu riżultati. Minħabba l-predominanza ta' ambjenti b'żewġ u bi tliet rwoli, is-salvagwardja tal-indipendenza, in-newtralità u l-imparzjalità tal-Koordinaturi Umanitarji u l-appoġġ għall-koerenza bejn il-UN80, ir-riforma tar-Risettjar Umanitarju u tas-Sistema ta' Żvilupp tan-NU hija kritika biex jiġu żgurati l-effiċjenza u t-twettiq tan-"NU bħala entità waħda", speċjalment f'kuntesti ta' kunflitt u f'kuntesti fraġli. Flimkien ser ninvolve ruħna ma' pajjiżi sħab u donaturi oħra biex niżguraw adozzjoni wiesgħa tal-approċċ ta' NU Waħda fil-livell tal-pajjiż minn dawk kollha involuti.
25. L-UE tibqa' impenjata li ssaħħa l-**Arkitettura Finanzjarja Internazzjonali** (IFA) inkluż f'konformità mad-Dokument ta' Eżitu tar-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ("Compromiso de Sevilla").

26. It-tisħiħ ulterjuri tas-sħubija man-NU fil-**preservazzjoni ta' azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji, il-ħtiġijiet u ċċentrata fuq in-nies jibqa' wkoll kruċjali**. L-UE tappoġġa l-azzjonijiet proposti fil-Patt Umanitarju Ġdid tan-NU taħt il-UN80 u tħeġġeġ lin-NU biex timxi malajr bl-implimentazzjoni. Nenfazzjaw ukoll l-importanza tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi. Nilqgħu wkoll l-impenn tan-NU rigward l-integrazzjoni tal-ktajjen tal-provvista globali kif ukoll l-isforzi biex tiġi katalizzata l-azzjoni kollettiva dwar id-data permezz tal-Kollaborattiva dwar id-Data Umanitarja.
27. L-UE ser tkompli tappoġġa, tippromwovi u tagħti s-setgħa b'mod attiv lil **soċjetà ċivili** diversifikata u indipendenti, filwaqt li tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva fil-proċessi multilaterali. L-UE tappella għal sforzi msaħħa fis-sistema kollha tan-NU biex jiġi rrispettat, protett, u promoss l-ispazju ċiviku, jiġu evitati u indirizzati atti ta' intimidazzjoni u rappreżalji kontra individwi u gruppi li jikkooperaw man-NU, tiġi żgurata r-responsabbiltà, u tiġi pprovduta protezzjoni effettiva għall-vittmi u s-superstiti. L-aċċess tagħhom għal fora multilaterali jrid jiġi ssalvagwardjat.

III. It-tisħiħ tal-arkitettura tal-paċi u s-sigurtà tan-NU bbażata fuq il-prevenzjoni u ż-żamma tal-paċi

28. Kontra theddid dejjem akbar u divers għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, ksur mifruż tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, inkluż atti ta' aggressjoni u ksur tal-integrità territorjali u s-sovranià tal-Istati, l-UE tibqa' impenjata biex **tipprevjeni l-kunflitti u tissalvagwardja u tirrestawra paċi u stabbiltà ġusti u dejjiema abbażi tad-dritt internazzjonali**.

29. L-UE tkompli tikkundanna l-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki tagħha fuq il-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura kritika, u tirrikonoxxi d-dritt inerenti tal-Ukrajna għall-awtodifiża f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU. L-UE tibqa' soda fl-**appoġġ** tagħha għas-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali **tal-Ukrajna** fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn, inkluż permezz tal-irkupru u r-rikostruzzjoni tagħha, filwaqt li taħdem biex tiżgura responsabbiltà sħiħa għad-delitti internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluż permezz tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna. F'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-AĠNU, l-UE tappoġġa l-isforzi lejn waqfien mill-ġlied sħiħ, immedjat u mingħajr kundizzjonijiet u paċi komprensiva, ġusta u dejjiema f'konformità mal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, tilqa' l-isforzi diplomatiċi li għaddejjin biex tintemm il-gwerra, u tkompli tappoġġa lill-Ukrajna fin-negozjati u l-isforzi biex jiġi żgurat ir-ritorn ta' tfal Ukreni deportati illegalment jew trasferiti bil-forza.
30. L-UE tilqa' l-Memorandum ta' Qbil u n-negozjati sussegwenti bejn l-Istati Uniti u l-Iran, li jipprovdu opportunità biex tinkiseb stabbiltà reġjonali. Nissottolinjaw l-importanza ta' riżoluzzjoni negozjata fit-tul għall-kwistjonijiet pendenti kollha, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU u d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli timpenja ruħha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab, fi sforzi diplomatiċi u tinsab lesta li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehim. L-Iran ma għandu qatt jitħalla jakkwista arma nukleari u għandu jerġa' jibda kooperazzjoni sħiħa mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika. L-UE tappella wkoll għar-rispett għal-libertà tan-navigazzjoni u s-sigurtà marittima f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. L-UE ttenni li d-diplomazija tibqa' l-unika triq lejn paċi u stabbiltà dejjiema fil-Lvant Nofsani.

31. Is-sitwazzjoni f'**Gaża u fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalem tal-Lvant** tibqa' ta' tħassib serju.

L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-implimentazzjoni tal-UNSCR 2803 u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, bl-Iżrael u l-Palestina jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti. L-UE ser tkompli taħdem fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaża f'konformità mal-UNSCR 2803, u tappella għad-diżarm permanenti tal-Hamas u gruppi armati mhux statali oħra, l-irtirar sħiħ tal-forzi Iżraeljani minn Gaża u l-iskjerament tal-Forza Internazzjonali ta' Stabbilizzazzjoni f'konformità mal-UNSCR 2803. L-UE tikkundanna l-attakki terroristiċi kontra Iżrael. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana, inkluż fl-aġenda ta' riforma tagħha, sabiex din tkun tista' tieħu lura b'mod sigur il-kontroll effettiv ta' Gaża. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lil Iżrael biex jikkonforma mal-obbligi kollha tiegħu skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tkompli tappella għal aċċess umanitarju immedjat u mingħajr xkiel għal Gaża, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali. Hija tfakkar fil-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ l-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, li huma legalment vinkolanti, u tieħu nota tal-opinjoni konsultattivi tagħha. L-UE tesprimi tħassib dwar l-approvazzjoni tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Piena tal-Mewt mill-Parlament Iżraeljan u n-natura diskriminatorja de facto tiegħu, tappella għat-tħassir immedjat tiegħu u tappella għat-tmiem tal-azzjonijiet li jdgħajfu l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, inkluż l-espansjoni tal-insedjamenti, il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti u t-theddid ta' spostament furzat u l-annessjoni. L-UE tenfasizza r-rwol kruċjali tal-UNRWA fir-rispons umanitarju u l-importanza tal-impenn kostruttiv tal-Iżrael man-NU u l-aġenziji tagħha.

32. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni sostnuta lill-**kunflitti u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja**, filwaqt li tenfasizza l-importanza ta' riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, tal-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, speċjalment in-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, u ta' oġġetti indispensabbli għas-sopravivenza tal-popolazzjoni ċivili, tar-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, tal-irfiġh tar-responsabbiltà, u tal-preservazzjoni tal-ispazju umanitarju. L-UE ser tkompli tappoġġa l-prevenzjoni ta' kunflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi, l-istabbilizzazzjoni, il-bini tal-istat, it-tranżizzjonijiet demokratiċi u l-isforzi umanitarji, kif ukoll inizzjattivi internazzjonali u reġjonali mmexxija min-NU u orjentati lejn l-avvanz tal-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli. Ser tkompli tingħata attenzjoni partikolari lil sitwazzjonijiet li jinkludu l-Libanu, is-Sudan, is-Somalja, is-Sirja, il-Libja, is-Saħel, ir-RDK, il-Haiti, l-Afganistan u l-Myanmar.
33. L-UE ser tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tindirizza l-isfidi globali għall-paċi u s-sigurtà, b'enfasi fuq il-prevenzjoni ta' kunflitti, il-medjazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi, il-maniġġar ta' kriżijiet, u l-appoġġ għall-multilateraliżmu f'konformità mal-Karta tan-NU, u ser tkompli taħdem man-NU għal dan l-għan, skont is-**Sħubija Strateġika UE-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà u l-prijoritajiet komuni tagħha għall-2025-2028** u l-Kumitat Strateġiku UE-NU li ġie stabbilit reċentement.
34. Infakkru fir-responsabbiltajiet tal-**Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li għandhom jibqgħu ċentrali u indispensabbli fl-arkitettura globali tal-paċi u s-sigurtà**. Filwaqt li nfaħħru l-ħidma tal-AĠNU fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, nenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħu r-rwol u l-kontributi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU bħala forum għall-prevenzjoni, il-mobilizzazzjoni politika u l-istabbiliment ta' normi f'dan il-qasam, inkluż permezz ta' interazzjoni aktar regolari u strutturata mal-Kunsill tas-Sigurtà u l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi.

35. **L-Operazzjonijiet ta' Paċi tan-NU** jibqgħu għodda multilaterali kritika biex jiġi indirizzat it-theddud għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Fil-kuntest tar-rieżami tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-futur tal-forom kollha ta' operazzjonijiet ta' paċi tan-NU, l-UE tappella għal azzjoni biex jiġu sostnuti l-isforzi għaż-żamma tal-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi, biex jiġu protetti l-ħajjiet u jiġu evitati diskrepanzi fis-sigurtà fiż-żoni affettwati, inkluż permezz ta' involviment aktar b'saħħtu u bbażat fuq il-prinċipji mas-Segretarju Ġenerali tan-NU permezz tal-bon offiċji tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, bil-ħsieb li jiġu żgurati mandati li jkunu realistiċi u adattati għall-kundizzjonijiet fuq il-post. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki kontra l-forzi taż-żamma tal-paċi u kontra l-faċilitajiet tal-Operazzjonijiet ta' Paċi tan-NU. Is-sikurezza u s-sigurtà tal-forzi taż-żamma tal-paċi tan-NU jeħtieġ li jiġu ggarantiti u jeħtieġ li tintrefa' r-responsabbiltà għall-attakki kontra l-forzi taż-żamma tal-paċi.
36. L-UE tenfasizza l-importanza kritika li l-**operazzjonijiet tan-NU għaż-żamma tal-paċi** jingħataw appoġġ politiku sostnut u finanzjament adegwat, sostenibbli u prevedibbli, anke permezz tal-ħlas sħiħ u f'waqtu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, u permezz ta' involviment reġjonali msaħħaħ. F'dan ir-rigward, l-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 2719 tal-KSNU. L-UE tappoġġa l-missjonijiet b'mandat tal-KSNU u timpenja ruħha favur kooperazzjoni effettiva bejn l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU biex jiġu avvanzati l-isforzi għall-paċi, tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem, u jiġu ġġenerati sinerġiji. F'dan l-ispirtu, l-Istati kollha għandhom jikkonformaw kif xieraq mal-obbligi finanzjarji rispettivi tagħhom.

37. L-UE tinsab determinata li taħdem man-NU fuq **il-konsolidazzjoni tal-paċi u ż-żamma tal-paċi**, anke permezz tad-Djalogu Strateġiku bejn l-UE u n-NU dwar il-Prevenzjoni ta' Kunflitti u l-Medjazzjoni tal-Paċi u permezz ta' involviment attiv fl-implimentazzjoni tal-eżiti tar-riżoluzzjonijiet doppji tal-PBAR tal-2025. Hija tappoġġa l-isforzi biex jiġi żviluppat approċċ immexxi nazzjonalment minn isfel għal fuq għall-**prevenzjoni ta' kunflitti** kif espress fl-istrateġiji nazzjonali ta' prevenzjoni. Hija tappoġġa t-tisħiħ tar-rwol u l-metodi ta' ħidma tal-**Kummissjoni tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi**, inkluż ir-rwol konsultattiv, ta' tlaqqiġ u ta' rikonċiljazzjoni tagħha fis-sistema kollha tan-NU, u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tagħha dwar il-Ġeneri u l-Pjan ta' Azzjoni Strateġiku tagħha dwar iż-**Żgħażaġħ** u l-Konsolidazzjoni tal-Paċi, kif ukoll il-finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli tal-**Fond tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi**. L-UE tirrikonoxxi r-rwol importanti ta' riforma u governanza effettivi, responsabbli u inklużivi tas-settur tas-sigurtà. L-UE tafferma mill-ġdid li l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tal-**Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà**, inkluż dwar il-Vjolenza Sesswali b'Rabta mal-Kunflitti, hija rilevanti daqs qatt qabel fil-kuntest ġeopolitiku attwali u fl-ambjent tas-sigurtà li qed jinbidel. Ittenni l-appell tagħha għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti tul iċ-ċiklu tal-kunflitt.
38. L-UE ser taħdem man-NU biex tintegra r-riskji għas-sigurtà tal-klima f'politiki u azzjonijiet rilevanti, u tenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-**interkonnessjonijiet** bejn **il-klima, il-paċi u s-sigurtà**. Ser tippromwovi wkoll l-implimentazzjoni tal-**aġenda għaż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà** u tal-**aġenda għat-Tfal u l-Kunflitti Armati**.

39. Jibqgħu essenzjali s-salvagwardja tal-ispazju **umanitarju**, il-faċilitazzjoni ta' aċċess umanitarju rapidu u mingħajr xkiel, sikur u konsistenti għall-persuni fil-bżonn, anke permezz ta' diplomazija umanitarja aktar effettiva, u l-garanzija tal-protezzjoni għall-persunal umanitarju. L-UE tenfasizza l-hteġa li jiġi rispettat id-dritt umanitarju internazzjonali fil-kunflitti kollha, u li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili. L-UE ser tkompli ssaħħa l-effettività tad-diplomazija umanitarja tagħha, billi tagħmel użu minn strumenti umanitarji, politiċi, ekonomiċi, ta' sigurtà jew diplomatiċi, filwaqt li tibqa' impenjata li tħares il-prinċipji umanitarji tal-imparzjalità, in-newtralità, l-indipendenza u l-umanità, kif ukoll id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE tilqa' l-Inizjattiva Globali tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar biex jiġi Galvanizzat l-Impenn Politiku għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u tħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jingħaqdu u jipparteċipaw b'mod attiv fl-Inizjattiva bil-ħsieb li jinkiseb appoġġ politiku wiesa' għall-eżiti tagħha.
40. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għad-dritt internazzjonali, inkluż il-liġi tal-baħar u l-**libertà tan-navigazzjoni**, u tappoġġahom permezz ta' diversi strumenti li jsaħħu s-sigurtà marittima, bħall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tagħha, fosthom l-**Operazzjonijiet ASPIDES, ATALANTA u IRINI**. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tibqa' l-pedament tal-ordni ġuridiku li jirregola l-oċean u l-ibħra.
41. Fil-kuntest ta' theddid aktar mifruq għas-sigurtà, l-UE tappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-**kriminalità organizzata tranżnazzjonali** fil-forom kollha tagħha, inkluż it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, it-traffikar ta' bniedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, ir-reati li jaffettwaw lill-ambjent, kif ukoll it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li d-drittijiet tal-vittmi jitqiegħdu fiċ-ċentru ta' dan kollu.

42. B'rispons għall-varjetà dejjem tikber ta' theddid għas-sigurtà, l-UE ser taħdem biex tiġġieled theddid ieħor li jirriżulta minn **attivitàjiet ibridi, attakki ċibernetiċi, teknoloġiji ġodda u emerġenti**, inkluż permezz ta' kooperazzjoni man-NU dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tar-rispett għall-istat tad-dritt u d-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. **L-integrità tal-informazzjoni hija ben pubbliku globali**, li għandu jiġi protett. Is-salvagwardja tagħha, permezz ta' governanza diġitali globali inklużiva u b'diversi partijiet ikkonċernati, li tippromwovi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni rilevanti, affidabbli u preċiża titlob rispons globali, inkluż sforzi biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv, miftuħ u inklużiv fl-oqfsa multilaterali, inkluż il-Mekkaniżmu Globali tan-NU dwar is-Sigurtà tal-ICT, biex tavvanza mgħiba statali responsabbli fiċ-ċiberspazju u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali.
43. L-UE tibqa' impenjata bis-sih li tiddefendi u ssaħħaħ l-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi, bin-NU fil-qalba tagħha. Għalhekk ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni man-NU biex jitnaqqas il-kost uman tal-armi u l-munizzjon. L-UE tibqa' impenjata għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari bħala l-pedament tal-arkitettura globali tan-nonproliferazzjoni, il-pedament essenzjali għall-kisba tad-diżarm nukleari, u element importanti fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi. Hija tkompli tappella għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBT) u għall-bidu immedjat u l-konklużjoni bikrija tan-negozjati ta' Trattat għall-Waqfien tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (FMCT). L-UE tappoġġa l-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), li tibqa' pilastru essenzjali ta' appoġġ għall-isforzi globali ta' nonproliferazzjoni. L-UE ser **twieġeb għal theddid persistenti ta' proliferazzjoni** ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, u tibqa' mħassba dwar il-ħażniet li qed jespandu ta' armi nukleari u sistemi ta' kunsinna, b'mod partikolari dawk tar-Russja u ċ-Ċina, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' armi, u t-theddid nukleari tar-Russja. L-UE ser tkompli wkoll tippromwovi u ssaħħaħ aktar l-istrumenti multilaterali kontra l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-akkwist, il-ħżin, it-trasferiment jew l-użu ta' armi kimiċi u bijoloġiċi.

44. L-UE tappoġġa t-trasparenza, miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja u kontrolli effettivi biex jiġu miġġielda t-trasferimenti illeċiti u l-akkumulazzjoni destabbilizzanti ta' armi konvenzjonali, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi u l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal mill-Istati Parti. L-UE tippromwovi l-immodernizzar u t-tisħiħ tal-makkinarju tad-diżarm tan-NU biex jiġi indirizzat it-theddid attwali, inkluż ir-rivitalizzazzjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Diżarm u l-Konferenza dwar id-Diżarm. Qabel il-Konferenza ta' Rieżami tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali f'Novembru 2026, l-UE ser tkompli taħdem favur negozjati dwar strument li jirrigwarda sistemi ta' armi awtonomi letali mingħajr ma tippreġudika n-natura tiegħu u miżuri possibbli oħra fil-qafas tas-CCW. L-UE ser tindirizza wkoll l-użu responsabbli tal-IA fid-dominju militari u tavvanza miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja fl-użu tagħha.
45. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma marbuta mal-preservazzjoni ta' ambjent spazjali sikur, sigur, stabbli u sostenibbli. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar l-Ispazju Extratmosferiku tal-1967 u l-konformità sħiħa miegħu, u jippromwovu l-użu paċifiku tal-**ispazju extratmosferiku** fuq bażi ekwa u reċiprokament aċċettabbli għal kulħadd, għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati favur il-prevenzjoni ta' tellieqa tal-armi fl-ispazju ekstratmosferiku (PAROS) fl-aspetti kollha tagħha. L-UE tappoġġa l-organizzazzjoni tar-raba' Konferenza tan-NU dwar l-Esplorazzjoni u l-Użu Paċifiku tal-Ispazju (UNISPACE IV) fi Vjenna fl-2027.

IV. L-avvanz tal-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli lejn l-2030 u lil hinn

46. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ l-azzjoni aċċellerata biex jinkisbu l-Aġenda 2030 u l-SDGs kollha kemm huma fit-triq lejn l-2030 u lil hinn b'mod komprensiv u inklużiv u f'konformità mal-Patt għall-Futur. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' finanzjament tal-SDGs, tibqa' essenzjali l-implimentazzjoni tal-Impenn ta' Sevilja tal-2025 adottat fir-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Ġunju 2025, li tibni fuq l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tal-2015. L-UE tirrikonoxxi n-natura universali, integrata u indiviżibbli tal-SDGs, kif ukoll l-importanza tal-lokalizzazzjoni tal-SDGs. L-UE tirrikonoxxi l-importanza li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi multidimensjonali, u tinsab lesta li tikkunsidra l-użu ta' miżuri komplementari ta' progress li jmorru lil hinn mill-prodott domestiku gross bħala komplement għall-politiki u l-prattiki eżistenti. L-UE ser tkompli tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz ta' approċċi trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-faqar u l-inugwaljanzi, u ttenni li n-nondiskriminazzjoni, l-inklużività u l-ħarsien sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem kollha huwa prinċipju fundamentali tal-Aġenda 2030 f'konformità mal-impenn li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE ser tkompli tippromwovi approċċi ta' finanzjament reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u inklużivi. Fil-kooperazzjoni tagħha, l-UE tagħmel enfasi fuq mudelli ta' żvilupp inklużivi li jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet lokali u jiżguraw li l-benefiċċji tat-tkabbir jitqassmu b'mod ekwu. L-UE ser tippromwovi n-narrattiva li tissottolinja r-rabtiet bejn l-isforzi umanitarji, ta' paċi u ta' żvilupp kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u għandha topponi approċċi kompartmentalizzati għall-iżvilupp.
47. Bħala l-akbar fornitur fid-dinja ta' **Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA)** b'shem globali akbar ta' kważi 50 % tal-ODA totali fl-2025, l-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw ir-rwol ewlieni tagħhom fil-kontribut għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

48. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi biex jgħinu jnaqqsu d-diskrepanza fl-investiment globali u javvanzaw il-finanzjament tal-Aġenda 2030. Dan jinkludi sħubijiet pubbliċi-privati u kooperazzjoni mill-qrib mas-settur privat biex jiġu appoġġati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, f'konformità mal-oġġettiv tal-Global Gateway li jiġi katalizzat l-investiment tas-settur privat u jitrawmu sħubijiet ugwali u ta' benefiċċju reċiproku, jiġifieri mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp. Permezz ta' inizjattivi bħall-**Global Gateway**, l-UE tikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-iżvilupp sostenibbli; Il-Global Gateway tippermetti wkoll lill-UE twieġeb b'mod aktar koerenti għall-isfidi globali permezz ta' investimenti trasformattivi f'infrastruttura sostenibbli, reżiljenti u ta' kwalità għolja, implimentata f'approċċ ta' Tim Ewropa u f'konformità mal-interessi reċiproċi tal-UE u tal-pajjiżi sħab. Il-Global Gateway għandha l-għan li tibni konnessjonijiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-klima u tal-enerġija, u tat-trasport, u li ssaħħa is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja permezz ta' approċċ komprensiv ta' 360 grad ibbażat fuq prijoritajiet komuni. L-isforzi biex jiġi mobilizzat l-investiment privat għandhom jibqgħu allinjati mal-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli identifikati fil-livell nazzjonali u għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali.
49. L-UE hija impenjata li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u effettiva tal-Aġenda ta' Antigua u Barbuda għas-SIDS (ABAS) kif ukoll għall-Programm ta' Azzjoni ta' Awaza għall-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw permezz ta' sħubijiet imsaħħa, u tappella għall-integrazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ABAS / Awaza fil-pjanijiet strateġiċi u ta' ħidma tal-entitajiet differenti tan-NU, f'konformità mal-mandati tagħhom. L-UE ser timpenja ruħha b'mod attiv fil-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm ta' Azzjoni ta' Doha għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati għad-Deċennju 2022–2031.

50. L-UE hija impenjata bil-qawwa li tavvanza **trasformazzjoni diġitali** universali, aċċessibbli, inklużiva u sinifikattiva **fil-livell dinji**, imsejsa fuq approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ser tiżgura implimentazzjoni f'waqtha u ambizzjuża kemm tal-Patt Diġitali Globali tan-NU kif ukoll tad-dokument ta' eżitu tar-Rieżami tad-WSIS+20, filwaqt li taħdem biex tnaqqas id-distakki diġitali kollha permezz ta' sistema multilaterali effettiva. Aħna nappoġġaw bil-qawwa l-Bord Xjentifiku Internazzjonali Indipendenti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u d-Djalogu Globali dwar il-governanza tal-IA peress li jistgħu jiffaċilitaw diskussjonijiet globali b'bażi wiesgħa bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar l-IA u l-governanza tal-IA fil-futur. Huwa essenzjali li tiġi ggarantita l-indipendenza tal-Bord u n-natura ta' diversi partijiet ikkonċernati tad-Djalogu Globali dwar il-governanza tal-IA biex jiġi żgurat l-akbar impatt.
51. Tibqa' kruċjali l-**promozzjoni tas-sigurtà globali tal-ikel u tan-nutrizzjoni** permezz ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti li jiżguraw ikel nutrittiv u affordabbli għal kulħadd. Is-sistema globali tal-ikel qed tiffaċċa sfidi sinifikanti, inkluż il-kunflitti, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u d-degradazzjoni ambjentali. L-UE tippromwovi strateġija multisettorjali u b'diversi partijiet ikkonċernati, b'approċċ integrat u koerenti bbażat fuq kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab, kummerċ miftuħ, prevedibbli, trasparenti u ġust, f'konformità mar-regoli tad-WTO u b'approċċ ta' rabta bejn l-aspett umanitarju, tal-iżvilupp u tal-paċi fil-prevenzjoni u r-rispons. L-UE u l-Istati Membri tagħha jafferu mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħhom għall-ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU (UNECE) fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika bbażata fuq ir-regoli, inkluż permezz tal-istrumenti legali u l-istandards tagħha.

52. L-UE tibqa' sieħba affidabbli, prevedibbli u impenjata favur is-**saħħa globali**, filwaqt li taħdem ma' atturi oħra fil-livell nazzjonali, reġjonali u multilaterali biex issaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tas-saħħa u tavvanza l-kopertura tas-saħħa universali sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa essenzjali. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha fit-tisħiħ tas-sistema tas-saħħa u l-koordinazzjoni tal-kriżijiet, l-UE tappoġġa t-tranżizzjoni lejn is-sovranità tas-saħħa bi sjieda aktar qawwija tal-pajjiżi, kapaċitajiet aktar b'saħħithom ta' prevenzjoni, preparatezza u rispons, u networks tas-saħħa reġjonali u globali aktar konnessi u kkoordinati, bid-WHO fil-qalba, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni. L-UE tappoġġa l-proċess ospitat mid-WHO dwar ir-riforma tal-arkitettura tas-saħħa globali u b'mod parallel ser tkompli taħdem biex tiffinalizza n-negozjati dwar l-Anness PABS sal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li jmiss li, min-naħa tiegħu, ser jippermetti l-ftuħ tal-Ftehim dwar il-Pandemiji għall-iffirmar u r-ratifika.
53. Rigward l-**iżvilupp soċjali** u l-qerda tal-faqar, l-UE hija impenjata li timplimenta d-Dikjarazzjoni ta' Doha adottata fis-Summit Soċjali Dinji f'Novembru 2025. Din id-Dikjarazzjoni Politika, mirfuda mill-Impenn ta' Sevilja, tista' tiffirma l-bażi ta' kuntratt soċjali globali mġedded, imsejjes fuq is-solidarjetà, fil-kooperazzjoni internazzjonali, fid-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol. L-UE tappoġġa l-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali biex tiżgura segwitu effettiv, u biex tinvolvi ruħha mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili biex tikseb l-erba' pilastru tagħha. L-UE tafferma mill-ġdid l-importanza ta' politiki soċjali inklużivi, sistemi ta' protezzjoni soċjali universali u investment fil-koeżjoni soċjali bħala motivaturi essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanza. F'dan ir-rigward, l-UE tappoġġa investment imsaħħaħ fil-protezzjoni soċjali u s-servizzi soċjali, inkluż sforzi biex progressivament jintlaħqu l-miri ta' żvilupp soċjali maqbula fil-livell internazzjonali.

54. Il-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis hija theddida globali għall-umanità, li teħtieġ rispons globali. L-UE tibqa' soda fl-impenn tagħha għall-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, inkluż il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming Montreal, l-SDGs u l-Aġenda 2030, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, u tappella lis-sħab kollha biex jagħmlu l-istess. F'dan ir-rigward, l-UE ser tkompli tappoġġa u tikkoopera wkoll mal-partijiet ikkonċernati mhux governattivi rilevanti kollha, bħall-komunitajiet lokali, in-nisa, il-Popli Indiġeni u d-difensuri ambjentali tad-drittijiet tal-bniedem.
55. L-UE ttenni l-importanza ta' fehim komuni li **t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali**, inkluż it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità huma theddida eżistenzjali, li jaggravaw it-tħassib dwar is-sigurtà billi jwasslu għal aktar instabbiltà u kunflitti, jagħtu spinta lill-kriminalità organizzata inkluż reati li jaffettwaw l-ambjent, u jaffettwaw is-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-ikel u tal-ilma, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli. Jibqa' essenzjali l-indirizzar tar-rabta bejn is-sigurtà f'konnessjoni mal-ambjent, il-klima, l-ilma u r-rabta bejn l-oċeani, il-bijodiversità u l-klima. L-UE ser timpenja ruħha attivament f'diskussjonijiet li għandhom l-għan li javvanzaw id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli. F'konformità mar-Riżoluzzjoni 43/53 tal-Assemblea Ġenerali dwar il-Protezzjoni tal-Klima Globali għall-Ġenerazzjonijiet Preżenti u Futuri tal-Bniedem, l-UE tagħti importanza kbira lill-ewwel Dikjarazzjoni tal-Assemblea Ġenerali dwar iż-Żieda fil-Livell tal-Baħar.

56. L-UE tissottolinja l-importanza li titmexxa 'l quddiem l-azzjoni klimatika globali permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-**Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi, bl-għan li l-1.5 gradi jkunu jistgħu jintlaħqu**. F'dak ir-rigward, l-UE tinnota bi tħassib li ħafna Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi għadhom ma ppreżentawx Kontribut ġdid Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) u tteġġgħom jagħmlu dan b'urġenza. Il-proċess multilaterali dwar il-klima għandu jirrifletti l-fehmiet u l-interessi tal-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-ġenerazzjonijiet futuri u dawk l-aktar vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. L-integrità xjentifika, it-trasparenza, u data u informazzjoni affidabbli huma essenzjali biex jinfurmaw azzjoni klimatika u preparatezza kredibbli u effettivi, u għandha tiġi evitata kwalunkwe politiċizzazzjoni tax-xjenza klimatika. L-UE hija impenjata li twettaq l-ambizzjoni maqbula espressa fl-eżitu tal-ewwel rendikont globali (GST). L-UE ser tippromwovi b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-għanijiet globali li jitwaqqfu u jitreġġgħu lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030, tittriplika l-enerġija rinnovabbli u tirdoppja t-titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, taċċellera t-teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi kif ukoll it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija biex jinkisbu emissjonijiet żero netti sal-2050. L-UE tappoġġa l-iżvilupp, mill-COP 31, ta' pjanijiet direzzjonali kredibbli u inklużivi dwar il-foresti u t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija. F'dan il-kuntest, l-UE tissottolinja l-importanza tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inkluż ir-rwol tagħha fit-tnaqqis tal-esponiment għall-iskossi fis-suq tal-enerġija.
57. **It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis**, kif ukoll id-degradazzjoni tal-art, tal-ilma u tal-oċeani huma interkonnessi. L-UE hija impenjata li tindirizzahom f'konformità mal-SDGs u approċċ "Saħħa Waħda". L-UE tappoġġa l-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi u ser taħdem biex tevita dewmien fil-konklużjoni tan-negożjati dwar **strument internazzjonali legalment vinkolanti biex jintemm it-tniġġis mill-plastik, li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastik**. Sena wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Nizza dwar l-Oċeani, l-UE tenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-**governanza internazzjonali tal-oċeani**, filwaqt li tteġġeg ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim skont l-UNCLOS fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tad-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ).

58. Ir-reżiljenza tal-ilma u ċiklu tal-ilma globali stabbli huma kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u għall-paċi u s-sigurtà. L-UE tafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità bħala essenzjali għad-dinjità tal-bniedem, is-saħħa, l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tad-drittijiet kollha tal-bniedem. L-UE ser tkompli tiżgura li l-ilma, is-sanità u l-iġjene jiġu indirizzati b'mod adegwat fi proċessi multilaterali ewlenin u ftehimiet rilevanti. L-UE tappella għal segwitu ambizzjuż tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma 2023, inkluż l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma u l-Istrateġija tan-NU għall-Ilma u s-Sanità, u tissottolinja l-importanza tal-Mibgħut Speċjali tan-NU dwar l-Ilma biex jitħaffef il-progress. L-UE tilqa' wkoll l-inizjattiva Water Forward u taħdem favur Konferenza tan-NU dwar l-Ilma orjentata lejn l-azzjoni, inklużiva u transsettorjali fl-2026 u l-2028 u anke wara. L-UE tappella għal governanza mtejba tal-ilma u għal proċess intergovernattiv regolari dwar l-ilma fi ħdan in-NU u thegħgeġ l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tan-NU għas-Sistema Kollha dwar l-Ilma u s-Sanità, kif ukoll li l-ilma jitqies bħala kwistjoni trażversali fl-inizjattiva UN80 u li tissaħħaħ l-aġenda globali dwar l-ilma fil-perjodu ta' wara l-2030. L-UE tappoġġa aktar adeżjoni mal-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali (il-Konvenzjoni dwar l-Ilma).
